MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Rikors Numru. 5/2002/1

**Melchior Spiteri**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors li Melchior Spiteri pprezenta fit-2 ta' April, 2002, li fih, wara li premetta:

1. Illi huw kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja fil-5 ta' April 1991

meta kellu hmistax-il sena u wara li l-process dam zmien konsiderevoli quddiem l-ewwel Qorti inghatat sentenza u minnha kien hemm appell. Dan l-appell igib in-numru 53/95 u qieghed pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

2. Illi l-esponenti jissottometti illi perjodu ta' hdax-il sena huwa zmien esageratament twil specjalment tenut kont illi mill-1 ta' Mejju 1987 dahlet in vigore il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem, illi fl-Artiklu 6 taghha taghmilha mandatorja li process kriminali ghandu jkun deciz fi zmien ragonevolment qasir. Dan ukoll kien previst mill-Kostituzzjoni fl-Artiklu 39 taghha;

3. Is-sitwazzjoni llum hija illi wara hdax-il sena ta' process tifel li kellu hmistax-il sena u li llum ghandu sitta u ghoxrin sena kwazi ghadda nofs hajtu jistenna d-decizjoni ta' process. Illi issa jigi anke ex ipotesi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija, certament ma jkunx qed jintlahaq l-iskop tal-piena la illi jinghata sodisfazzjon lis-socjeta', la tinghata lezzjoni lil haddiehor fis-socjeta' u certament hemm il-kwistjoni tar-riforma tal-imputat;

4. Illi l-imputat ghadda zmien il-Habs fuq akkuzi ohrajn u llum jikkontendi li jinsab pjenament riformat. Ghaldaqstant process li ilu hdax-il sena ma jistax jikkwalifika li l-esponenti kellu smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u dan bi ksur tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

5. Illi inoltre jirrizulta illi fl-istess process hemm perizji bbazati fuq persuni li kienu membri tal-Korp tal-Pulizija u li l-perizji taghhom baqghu ghaddejjin u dan ukoll bi ksur tal-Artikolu 6 u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

6. Illi l-esponenti qed jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet John Saliba vs Avukat Generali, liema sentenza fuq l-istess lamenteli waslet ghal annullament anki ta' sentenza kriminali f'liema sentenza r-rikorrent kien gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija;

7. Illi din is-sentenza tinsab riportata fil-volum tas-sena 1998 LXXXII l-ewwel parti pagna 67 tal-Kollezzjoni tad-decizjonijiet;

8. Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha tiddikjara illi fil-konfront tal-esponenti kien hemm u ghad hemm il-ksur tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens li huwa ma kellux smiegh xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti u dan ukoll fi zmien ragjonevoli u fit-tieni lok taghtih lok adegwat illi f'dan il-kaz jindika li ghandu jkun fuq skorta tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta tas-6 ta' Lulju 1998;

9. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali li fiha espona:

1. Illi fl-ewwel lok, ghar-rigward tal-lanjanza tar-rikorrent li l-process tieghu gie "kontaminat" b'perizji mhux imparzjali bi ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita' l-gursidizzjoni kostituzzjonali taghha ai termini ta' l-artikolu 46(2) u ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319 peress li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti;

2. Jekk persuna tqis li gie lez id-dritt fondamentali taghha waqt proceduri gudizzjarji huwa mahsub fil-Kostituzzjoni (u fil-Kap 319) li meta tqum kwistjoni quddiem qorti li ma jkollhiex gurisdizzjoni kostituzzjonali originali din, sakemm ma tqisx il-kwistjoni bhala sempliciment frivola u vessatorja, ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex taghti d-decizjoni taghha u l-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni;

3. Jidher li r-rikorrent ghazel li ma jsegwix il-procedura li l-Kostituzzjoni u l-Kap 319 jipprovdu f'kaz bhal dan u cioe' li jitlob li ssir referenza kostituzzjonali;

4. Issa li qed jistenna l-ezitu tal-kawza tieghu r-rikorrent irid jikkonverti ghak-komodu tieghu l-Prim'Awla f'Qorti ta' Kassazzjoni biex jitlob l-annullament tal-proceduri. Huwa evidenti li ghar-rigward tal-lamentela li l-perizji bbazati fuq persuni li kienu membri tal-Korp tal-Pulizija, (apparti l-fatt li dan fih innifsu ma jikkostitwix ksur ta' dritt fondamentali) ir-rikorrent ghazel li jizvesti ruhu minn rimedju u din il-Qorti b'rispett lejn il-principju generali tad-dritt tac-certezza legali ghandha tirrifjuta li tezercita f'dan l-istadju inoltrat l-gurisdizzjoni taghha;

5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess, ghar-rigward tal-lamentat trapass taz-zmien (dewmien), anki skond l-gurisprudenza assodata ta' l-organi ta' Strasbourg, ir-ragonevolezza tat-tul tal-proceduri gudizzjarji tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux b'semplici kontegg tan-numru tas-snin li tkun damet kawza biex tigi deciza mill-Qorti (Konig v FRG Series A 27 para 99, 1978). Fatturi bhal komplessita' tal-kawza u l-agir tar-rikorrenti huma determinanti daqs kemm hu determinanti l-agir tal-gudikanti;

6. Li hu accertat hu li m'hemm l-ebda "*time limit*" li l-qrati rridu ta' bilfors iharsu, ghaliex altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta. Ghalhekk mhux bizzejjed li r-rikorrenti jghidu li l-kawza taghhom damet tant snin biex giet deciza u b'hekk gew vjolati d-drittijiet fondamentali taghhom;

7. Illi fi kwalunkew kaz ir-rikorrenti ma jistghux jinqdew bi procedura kostituzzjonali biex il-Prim'Awla sservi bhala qorti tat-tielet istanza b'gurisdizzjoni kriminali. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbad thassar u tannulla sentenza ta' qorti kriminali kompetenti meta jista' jkun hemm rimedji ohra aktar konfacenti mal-gurisidizzjoni taghha. Illi madankollu l-ebda

rimedju ma jispetta lir-rikorrent billi l-lanjanzi tieghu huma bla fondament guridiku jew fattwali;

8. Ghaldaqstant l-intimati jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeklina l-gurisdizzjoni taghha ghar-ragunijiet fuq imsemmija u subordinatament tichad fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ezaminat l-atti tal-process kriminali "Il-Pulizija vs Jesmond Cassar et", li jinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Appell numru 53/95);

Rat li l-kawza kienet giet differita ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza, ir-rikorrent, meta ghad kellu hmistax-il sena, tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-kompetenza taghha kriminali, akkuzat b'diversi reati, u wara tul ta' snin, inghatat sentenza li minnha kien hemm appell; dan l-appell ghadu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Irrizulta wkoll li, fil-kors ta' dawn il-proceduri, kien hemm htiega ta' opinjoni esperta, u tqabbdu ghal dan il-ghan membri tal-Korp tal-Pulizija li resqu r-rapporti taghhom ghal konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti. Ir-rikorrent qieghed jilmenta minn zewg affarijiet illi skond hu jaghtu lok ghal ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghal ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dawn iz-zewg affarijiet huma:

(a) Il-fatt illi fil-kawza kriminali kontra tieghu kien hemm periti tal-Qorti illi kienu wkoll impjegati mal-Korp tal-Pulizija;

(b) Il-fatt ta’ dewmien esagerat fis-smiegh tal-kawza kriminali.

Illi l-mertu ta’ din il-kawza hu identiku ghall-meritu tar-Rikors Kostituzzjonali numru 6/02 fl-ismijiet “Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali”, u fil-fatt iz-zewg kawzi gew trattati kontestwalment u mxew flimkien. Din il-Qorti, illum stess, tat is-sentenza fil-kawza l-ohra bin-numru 6/02 u a skans ta’ ripetizzjoni, qed issir referenza ghall-motivazzjoni ta’ din il-Qorti f’dik is-sentenza li ghandu jitqies li jghoddu u japplikaw ukoll ghal dan il-kaz.

Fil-qosor, din il-Qorti issib, allura, li, fil-fehma taghha, ma jirrizultax li kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem bil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-kompetenza taghha kriminali, kienet innominat bhala esperti persuni li kienu wkoll impjegati mal-Korp tal-Pulizija, u lanqas ma ssib li kien hemm dewmien esagerat fl-iter tal-process kriminali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddispondi mir-rikors, billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------